MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Numru. 258/2011

Il-**Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Vincent Spalding ta' 37 sena, iben John u Carmen nee` Agius, imwieled Pieta nhar id-19 ta' April 1973, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 13903A u residenti gewwa 14, Triq il-Konservatorju, Bormla.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. Fil-31 ta' Jannar, 2011, ghall-habta ta' 21:45hrs, gewwa Triq San Guzepp, Bormla, ittanta li jisraq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAL645 tal-ghamla Volkswagen Golf ghad-dannu ta' Marvin Bonnici, liema reat ma sehhx minhabba xi haga accidentali u barra mill-volonta tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-2329.42 Euros (elf Lira Maltija), bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, u akta talli;

2. Fil-lejl ta' bejn is-27 ta' Jannar 2011 u t-28 ta' Jannar 2011, gewwa Triq Erin Serracino Inglott, Bormla, ikkommetta serq ta' credit card u oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni DAL645, propjeta ta' Marvin Bonnici liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u aktar talli

3. Bejn is-27 ta' Jannar 2011 u t-28 ta' Jannar 2011 gewwa Bormla, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' 500 Euro (hames mitt Euro) ghad-dannu ta' Marvin Bonnici u/jew HSBC Bank plc u aktar talli:

4. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-3 ta' Lulju 2012;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat ir-rapport tal-Probation Officer;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi akkwiziti l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat izda ma tistax tinjora r-rapport imhejji mill-ufficjal tal-probation fejn gie rakkomandat illi l-imputat ghandu jinghata sentenzi ta’ habs effettiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g),  263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278(3), 279(h), 280(2), 281, l-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271, 278(3), 281, 308, 309, 310(1)(b), 17(b)(h), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront u tikkundannah ghal perjodu ta’ sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------